# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum, 16 ta' Jannar 2024**

**Rik. Gur. Nru.: 84/2022JPG**

**Kawza Nru.: 7**

**AL**

**Vs**

**DL**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AL, datat 18 ta' Settembru 2023, a fol 1428 seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti żżewgu fit-29 ta' Lulju 2011 u min dan iz-zwieg twieldu zewgt'itfal u cioe' LL u EL li ghadhom minuri;*

2. *Illi mill-imsemmija data taż-żwieġ tagħhom bdiet tapplika l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u dan ai termini tal-Artikolu 1316(1) tal-Kodiċi Ċivili;*

3. *Illi ż-żwieġ tal-kondententi sfaxxa u huma qed jgħixu ħajja separati minn xulxin fejn ilhom jghixu separati de facto sa minn Marzu 2022. Illi l-esponenti tixtieq tibni ħajja għal rasha iżda dan ma jistax iseħħ stante li għad hemm il-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet;*

4. *Illi tali terminazzjoni tal-istess Komunjoni tal-Akkwisti għandu jġib benefiċċju in kwantu mhux biss jevita li l-ebda parti ma' tagħmel dejn li tiġi attribwita lill-*

*Komunjoni, iżda ukoll tkun tgħin sabiex l-esponenti tirriakkwista id-dritt illi tagħmel l-atti kollha tal-ħajja ċivili u kummerċjali u dan mingħajr il-ħtieġa tal-kunsens u/jew approvazzjoni jew l-intervent tal-parti l-oħra;*

5. *Illi l-esponenti titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel il-ġudizzju finali a tenur tal-Artikolu 55(1) tal-Kodiċi Ċivili, b'dan illi m'hu se jinħoloq l-ebda preġudizzju mhux proporzjonat għall-intimat. Illi filfatt tali preġudizzju ser jinħoloq jekk il-Komunjoni tal-Akkwisti tibqa' eżistenti bejn il-partijiet;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet a tenur tal-Artikolu 55(1) tal-Kodiċi Ċivili;*

2. *Tawtorizza lill-partijiet sabiex jirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Salv kull provediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors u d-dokumenti esebiti ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta tal-Intimat datata 5 t'Ottubru 2023 li taqra hekk:

> *Illi fl-ewwel lok l-esponenti DL jikkonferma illi l-partijiet zzewgu fid-29 ta' Lulju 2011 u minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied, LL u EL, li tnejn li huma ghadhom minuri.*
>
> *Illi l-esponenti jikkonferma wkoll illi r-regim li jirregola r-relazzjoni taz-zwieg huwa tal-Kommunjoni tal-Akkwisti.*
>
> *Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn Marzu 2022 u dan kif indikat mill-attrici.*

*Illi minkejja li l-esponent jaqbel fil-kuncett, mat-talbiet tal-attrici, ghal waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bl-effetti jibdew jghoddu skont artikolu 51(3) u cioe mid-data tad-digriet 'l quddiem, madankollu l-esponenti jirrileva illi matul ix-xahar li ghadda, ghall-habta ta' Frar 2022, l-attrici infurmatu li akkwistat vettura tat-tip Nissam March, bin-numru ta' registrazzjoni ACW127.*

*Illi skont kif infurmatu r-rikorrenti, il-vettura prezentament mhijiex f'isem l-intimata izda tithallas ratealment minnha u dan sakemm din tithallas u b'hemm tkun tista ddur fuq isem l-intimata.*

*Illi l-esponenti ma kienx infurmat b'ebda hire purchase agreement jew kwalunkwe informazzjoni ohra fir-rigward.*

*Illi ghaldaqstant l-esponenti jirrileva illi dan l-akkwist ghandu jittiehed in konsiderazzjoni u dan jekk din l-Onorabbli Qorti tiddikjara t-tmiem tal-kommunjoni tal-akkwisti.*

*Illi ghaldastant filwaqt illi l-esponenti m' ghandux oggezzjoni ghat-talba kif maghmula madankollu ma jistghax jigi mwarrab dak spjegat fil-prezenti risposta u dan sabiex li d-drittijiet tal-esponenti ma jigux pregudikati.*

*Mill-bqija, l-esponeneti jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza in parte wara talba maghmula mill-attrici permezz tar-rikors datat 18 ta' Settembru 2023, fejn talbet lil dina l-Qorti tordna il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn l-kontendenti u dana ai termini tal-artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili, liema talba mhiex prettament opposta minn naha tal-intimat.

Dan l-artikolu jipprovdi s-segwenti:

> ***"Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin."***

Skond is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandu jinghata b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien ikun jghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Illi r-raba sub-inciz tal-istess artikolu imbaghad jipprovdi illi:

> ***"Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda."***

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet: **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi,** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015:

> ***"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap.16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…..t-talba ghall-waqfien m'ghandhiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat." Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skond il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."***

Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Familja fejn qieset li l-intimat ma kienx ser isofri pregudizzju sproporzjonat bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori tal-kawza. Ghall-kuntrarju, gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell li t-terminazzjoni tal-komunjoni kienet ser iggib beneficcju inkwantu jevita li xi parti jew ohra taghmel xi dejn li, 'l quddiem, ikun jista' jigi addebitat lill-komunjoni.

Illi wkoll fil-kawza fl-ismijiet: **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015, fejn il-Qorti tal-Appell ikkonfermat li is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal:

> ***"...il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghdin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici".***

Illi in vista tan-nuqqas ta' oggezzjoni da parti tal-konvenut, ghajr l-informazzjoni minnu maghmua fir-rigward tal-vettura Nissan March, numru ta' registrazzjoni ACW 127, liema informazzjoni ingaghbet a konjizzjoni piena ta' din il-Qorti, il-Qorti tqis illi ma jirrizultax pregudizzju mhux proporzjonat lontra l-intimat kemm-il darba it-talbiet tal-attrici jigu milqugha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attrici u konsegwentement tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku a spejjez tal-attrici.**

**Spejjez riservati ghal gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**